# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 729/97 AJM

Kawza numru

William u Pauline konjugi Montebello

Vs

Hal Mann Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-3 ta' April 1997 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fis-sajf tan-1995 huma xtraw minghand is-socjeta' konvenuta disa' partiti madum versu l-prezz komplessiv ta' LM2,646.15 liema prezz kien jikkomprendi fih it-tqeghid tal-istess madum; illi ghal habta ta' l-ahhar ta' Jannar 1997 bdew jidhru difetti fil-madum liema difett kien mohbi u jirrendi mhux tajjeb ghal uzu li ghalih huma mahsuba jew li jnaqqaslu daqshekk il-valur taghhom illi l-istanti makienux jixtruhom kieku kienu jafu b'dan id-difett; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddedici u tiddikjara illil-madum mixtri minghand is-socjeta' konvenuta kellu difett mohbi illi jaghmluh mhux tajjeb ghall-uzu li

ghalih huwa mahsub jew li jnaqsu daqshekk il-valur tieghu li l-atturi ma kienux jixtruh li kieku kienu jafu bih;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti jekk hemm bzonn permezz ta''periti nominandi -–bhala parti mill-prezz inhallas.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji tad-19 ta' Frar u 18 ta' Marzu 1997 u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi senjatament dik ghad-danni kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tas-16 ta' April 1998 li permezz taghha eccepiet:-

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Bla pregudizzju mhux minnu li l-madum kien milqut minn difett mistur, kif allegat, u kif jista' jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza.
3. Illi dak li gie mibjugh lill-atturi kien skond il-ftehim u n-natura tax-xoghol.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' April 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti fir rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Ottubru 1999 meta giet sfilzata in-nota ta’ osservazzjonijiet u d-dokumenti annessi ppresentati mis-socjeta’ konvenuta.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 1999 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F’din il-kawza bazata fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux tal haga mibjugha u fejn l-atturi qed jilmentaw li madum lilhom mibjugh u kkonsenjat kien difettuz u ghalhekk talbu rimedju, qed tigi eccepita’ mis-socjeta’ konvenuta l-preskrizzjoni ta’ sitt xhur kontemplata fl-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan l-artikolu jghid li l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bi preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta’ sena minn dak inhar tal-kuntratt, u, ghal dak li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta’ sitt xhur minn dak inhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha. Izda is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi li jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dak inhar li seta’ jkun li hu jikxef dak id-difett.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm l-madum in kwistjoni gie kkonsenjat zmien hafna qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, u t-tqeghid tieghu sar xi z-zmien wara l-attur dahlu jabitaw fil-fond ghal habta ta' l-ahhar ta' Ottubru 1996. Kien wara li bdew jabitaw hemm li indunaw li l-madum beda jithaffer. Infatti Pauline Montebello xhedet b'mod skjet li huma dahlu fil-fond f'Ottubru 1996 u wara xi xaharejn tlett xhur bdiet tinnota li l-madum beda jithassar. Hija ghalhekk attirat l-attenzjoni ta' zewgha u bdew l-ilmenti mas-socjeta' konvenuta. Wara ngieb l-Perit Buhagiar biex jipprepara rapport u saret il-kawza odjerna.

Mil-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li l-atturi ndunaw li l-madum kien qed jithassar ghal habta ta' Dicembru 1996. Issa dawn il-proceduri gew istitwiti f'April 1997 u ghalhekk it-terminu preskritt mil-ligi kien ghadu ma skadiex.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta. Spejjes riservati ghal gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri